# European Capitals
# Amsterdam, Brussels, Pariġi

**INŻURU:** Amsterdam, Volendam, Marken, Zaanse Schans, Kinderijk, Rotterdam, Antwerp, Brussels u Pariġi, Rouen u Honfleur.

**MILL-21 SAT-30 TA' LULJU**

### IT- TLIETA 21 TA' LULJU
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fis-05.40 għat-titjira KM 394 li ttir fit-07.40 u naslu Amsterdam fil- 10.50. Wara transfer bil-coach lejn iċ-ċentru tal-belt ta' **Amsterdam**, fejn ser ikollna city tour biex naraw il-postijiet t' interess bħal **Royal Palace, National Museum, Dam Square, Skinny Bridge**, **Anne Frank's House** u l-famużi kanali li jdawwru lil din il-belt u l-Port t' Amsterdam. Naraw ukoll il-mitħna li tinsab fuq ix-xmara Amstel. Wara nibqgħu sejrin lejn il-hotel ġewwa **Amsterdam Novotel 4 star**, għal dawk li ħadu l-halfboard l-ikla tkun dejjem filgħaxija. Aktar tard ħarġa mal-leader.

### L-ERBGĦA 22 TA'LULJU
Wara l-buffet breakfast, ikollna eskursjoni għal **Marken u Volendam**. Illum ser inkunu f'kampanja tipika **Olandiża**, fejn apparti li nżuru dawn iż-żewġ villaġġi tas-sajjieda, ikollna wkoll





l-opportunita li nżuru l-villaġġ ta' **Zaanse Schans** li jinsab fuq ix-**xmara Zaan**, magħruf għall-**windmills**, kif ukoll razzett tipiku fejn il-ġobon għadu jiġi pproċessat b'mod tipiku u anke l-manifattura tal-famużi żraben Olandiżi, **il-Clogs**. Nirritornaw lura l-hotel. Filgħaxija ħarġa mal-leader saċ-ċentru tal-belt.

### IL-ĦAMIS 23 TA' LULJU
Illum nistednuk tiskopri magħna il-post magħruf għall-imtieħen fl-**Olanda**, **Kinderdijk** li hu iddikjarat bħala wirt patrimonjali mill-UNESCO. Imkien fid-dinja ma'ssib numru ta' **mtieħen** daqs kemm hawn f'dan il-villaġġ. Min irrid jista' jieħu **boat trip madwar il-kanal (extra).** Inkomplu lejn l-belt ta' **Rotterdam** fejn nagħmlu **coach tour** kif ukoll **walking tour fiċ-ċentru tal-belt**. Ikollna xi ħin liberu għall-ikel (extra) u xi shopping ukoll f'zona kompletament pedonali. Nirritornaw lura lejn il-lukanda. Filgħaxija ingħaqdu magħna għall-**candle light cruise (extra)** sabiex f'atmosfera unika naraw Amsterdam mixgħula filgħaxija, filwaqt li nkunu fuq dgħajsa apposta minn fejn induqu ġobon Olandiż u nbid. Titilfuhiex !!!



## IL-ĠIMGĦA 24 TA' LULJU

Wara li nieħdu buffet breakfast nitilqu bil-coach lejn **Brussel** iżda l-ewwel nagħmel waqfa fil- belt ta' **Antwerp**. Flimkien mat-tour leader nagħmlu dawra mal-belt fejn naraw **Grate Markt, Cathedral of Our Lady, Central Station u l-Old Town**. Wara nkomplu l-vjaġġ tagħna lejn **Brussel**, akkomodazzjoni ġo Hotel Bedford fiċ-ċentru ta'Brussels.

## IS-SIBT 25 TA' LULJU

Wara buffet breakfast ser ikollna Brussels city tour, hemm naraw **Royal Residence, Royal Square, House of Parliament, Art Nouveau Houses, EU Commission, European Parliament, City Hall** kif ukoll ilk-famuża **Grand Place**. Filgħaxija ħarġa mal-leader.

## IL-ĦADD 26 TA' LULJU

Wasal il-ħin li nħallu Brussel u nibdew il-vjaġġ tagħna lejn **Pariġi**, il-belt kapitali Franċiża. Mal-wasla tagħna fil-hotel Mercure Paris Montmartre issir is-sistemazzjoni tal-kmamar. Filgħaxija l-ewwel ħarġa mal-leader biex nibdew niskopru din il-belt tant sabiħa.

## IT-TNEJN 27 TA'LULJU

Buffet breakfast, wara city tour mill-iżjed interessanti madwar il-belt ta' Parigi fejn fost oħrajn naraw **Opera House, Arc De Triomphe, Monte Marte, Place De La Concorde, Notre Dame, Champs** Elysee u sintendi l-**Eiffel Tower**. Wara nofs in-nhar ħin liberu għal personal sightseeing. Filgħaxija għal min irid imorru l-famuż **Moulin Rouge** fejn naraw show mill-isbaħ (extra).

## IT-TLIETA 28 TA' LULJU

Excursion mill-iżjed interessanti għal **Rouen u Honfleur**. L-ewwel żjara tagħna tkun ġewwa **Rouen**, flimkien mat-tour leader nagħmlu dawra mal-belt fejn naraw l-**Old Town, Notre Dame** li hu wieħed mill-iżjed katidrali impressjonanti fi Franza, il-famuż **Great Clock**. Inkomplu l-excursion tagħna lejn **Honfleur** fejn ser ikollna l-opporunita' li nagħmlu dawr mal-belt fejn naraw postijiet ta' nteress bħal cobbled alleys, half-timbered houses u l-port tipiku ta' Honfleur- ikollna ħin liberu, wara nibdew il-vjaġġ tagħna lura lejn Pariġi.

## L-ERBGĦA 29 TA' LULJU

Buffet breakfast; excursion interessanti għal **Palazz ta' Versailles**. Hawn ser ikolln l-opportunita' li nżuru l-palazz (ent. extra) u naraw State Apartments, il-famuża Hall of Mirrors. Ikollna ħin inżuru l-l-ġonna sbieħ tal-Palazz fejn naraw għadd ta' funtani, monumenti u lawns mill-isbaħ. Wara nibqgħu sejrin lejn is-Siene fejn ser ikollna cruise (extra) ma l-istess xmara sabiex ingawdu l-belt ta' Pariġi min perspettiva differenti. Filgħaxija mmorru ħdejn l-**Eiffel Tower** (trasport u entratura extra) min fejn ingawdu l-belt ta' Pariġi mixgħula. Nirritornaw lura l-hotel.

## IL-ĦAMIS 30 TA' LULJU

Buffet breakfast u wara transfer bil-coach lejn l-ajruport għat-titjira KM479 li ttir fl- 10:20 u naslu lura Malta fis-13.05.

**10** T'IJIEM

MINN € **1399** KULL PERSUNA

### PREZZ KULL PERSUNA
### ESKURSJONIJIET U TAXXI MĦALLSA

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra żewġ persuni | €1449 | €1399 |
| Kamra ta' persuna waħda | €2010 | €1960 |

### PREZZ JINKLUDI

- Titira mal-AirMalta: Malta-Amsterdam / Pariġi-Malta
- 9 t'iljieli akkomodazzjoni hotels 3 u 4 stars
- Kmamar bil- facilitajiet privati
- Transfers u eskursjonijiet skond il-programm (esklużi entraturi, boats u cable cars)
- Buffet breakfast
- Taxxi tal-ajruport, city tax u service Charge
- Tour leader
- Imsolvency protection

